**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 28 – IT-TLIETA, 13 TA' NOVEMBRU 2012 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| | Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Salvatore Mousù | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Janet Barthet | Membru |

**1 Minuti Numru 27**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Salvatore Mousù issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Iċ-*Chairman*, f'isem il-Kumitat, xtaq li jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv għall-mod kif tkellem fil-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-Kappara organizzata minn TM rigward il-proposta biex Triq il-Gardell issir *one way* għat-traffiku.

2.2 Ġie innutat id-dwal u t-tabella mdawwla maż-*zebra crossing* fi Triq Birkirkara.

2.3 Għandha tinbagħat *reminder* lis-Sur David Sutton rigward id-deċiżjoni, li ttieħdet fil-laqgħa ta' konsultazzjoni, biex Triq il-Gardell issir *one way* bi prova għal 3 jew 4 xhur.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Ġie deċiż li ssir manutenzjoni fuq parti tal-bankina fi Triq tas-Sliema, mal-*bus stop* kantuniera ma' Triq it-Tellerit.

3.2 Ġie deċiż li ssir manutenzjoni tal-linji tal-parkeġġ fi Triq l-Alwett.

3.3 Ġie deċiż li tintbagħat, b'urġenza, rikjesta lil TM biex Triq il-Malvizz issir temporanjament *no entry for heavy vehicles*, min naħa ta' Triq G Despott. Dan minħabba li qed isir xogħol fuq sit privat u trakkijiet mgħobbijin qegħdin jinżlu minn din it-triq, u hemm periklu minħabba li hija niżla qawwija.

3.4 Għandha tintbagħat risposta lir-resident għall-imejl mibgħuta lill-membri tal-Kumitat fl-10 ta' Novembru 2012.

3.5 Għandha tintbagħat *reminder* lill-Ambaxxatur Russu rigward id-dikjarazzjoni, li saret waqt il-laqgħa mar-residenti tal-Kappara, minn resident li hu rappreżentant tal-Ambaxxatur.

3.6 Għandha tintbagħat *reminder* lid-Direttur tal-Gvern Lokali rigward l-istemma tal-Kappara.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 18 ta' Diċembru 2012 fis-6.00pm.

______________________ ______________________

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**